IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.15 (Ħmistax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 5 ta' Ġunju, 2014 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi<br>Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicolae Demajo |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti u kien hemm xi residenti wkoll.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati unanimament.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   3.1 Madum tal-Knisja - Is-Sindku qal li l-madum tal-knisja kważi lest u fadal biss xi xogħol fuq ir-rampa u t-taraġ.

   3.2 Newsletter – Il-Kunsill ftiehem li kulħadd jagħmel artiklu żgħir ta' madwar nofs pagna A4 sabiex inkunu nistgħu nippublikaw in-newsletter.

   3.3 Kuntrattur tal-Knis il-ġdid WM Environmental Ltd. Kellna xi ilmenti fuq ix-xogħol tiegħu pero' qiegħed jieħu azzjoni mill-ewwel. Dawn l-ilmenti qiegħdin jintbgħatu lilu bil-miktub sabiex ikollna record ta' dawn in-nuqqasijiet.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

3.4 Telephone Box – Il-Kunsill qabel li din issir fil-pjazzetta fejn tal-fjuri minħabba li fejn il-knisja ma kienitx ser tkun idejali minħabba l-ħinijiet tal-quddies. Għalhekk inkellmu lil Go sabiex jibdlu l-post ta' din it-telephone box. Lil Go irridu ninfurmawhom ukoll li t-telephone box ta' Ġnien ix-Xatt għandha bżonn ta' refurbishment.

3.5 Lezzjonijiet tal-Privat u sessjonijiet tal-qari. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-surmast u ser ikollna 5 klassijiet a dispożizzjoni tal-Kunsill sabiex isiru lezzjonijiet tal-privat u craft. Ser ikun hemm ukoll il-librerija miftuħa. Wara li nħarġu l-applikazzjonijiet s'issa għandna bejn wieħed u ieħor 40 applikant li ħafna minnhom ser ikunu qiegħdin jattendu l-lezzjonijiet kollha kemm tal-privat kif ukoll tal-crafts.

Is-Sinjura Borg staqsiet fuq il-Librerija tal-iskola u s-Sindku qalilha li din ser tkun aċċessibbli għal kulħadd.

Is-Sinjura Borg qalet li l-qari suppost isir Sajf u Xitwa. Is-Sindku qalilha li fil-laqgħa preċedent il-Kunsill għadda mozzjoni u ma jistax imur lura minn din id-deċiżjoni.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

4.1 Il-pagamenti ġew approvati b'4 voti favur u astensjoni tas-Sinjura Doris Borg.

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Mobile toilet fil-Bandli – Is-Sindku qal li t-toilets s'issa qiegħdin ikunu disponibbli għall-attivitajiet li jkollna pero' aktar il-quddiem ser jibdew ikunu tul is-sena kollha.

5.2 Parkeġġ ta' Triq Ras il-Gebel – Is-Sindku qal li l-perit tal-Gvern qal li ser japplikaw għall-permessi meħtieġa u ċċara li dan il-parkeġġ ser ikun għal kulħadd fuq bażi ta' first come first served.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

IX-XGĦAJRA

6.1 Is-Sur Neil Attard qal li l-attivitajiet li saru dan l-aħħar kienu ta' suċċess speċjalment ta' Festa Lapsi fejn kien hemm madwar 500 ruħ. Dan wara li l-Kunsill ħadem ħafnagħal din l-attivita' u li kien hemm budget mill-iskema ta' fondi specjali tal-attivitajiet kulturali.
Is-Sur Attard qal li qiegħed jippjana attivita' għal bidu ta' Lulju bit-tema ta' Maratona ta' Żfin li tkun b'risq Puttinu Cares. L-ispejjeż li qiegħed jippjana li se jkun hemm huma ta' €300. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

6.2 Ħarġiet Kullturali - Il-ħarġa kulturali li jmiss għar-residenti hija li mmorru Għawdex fejn inżuru l-Ġgantija u l-mużew tal-Ħaġar fost oħrajn.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

7.1 Is-Sindku qal li l-ġimgħa l-oħra kellna laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr. Stefan Buontempo fejn miegħu ddiskutejna d-diffikultajiet li niffaċċjaw bħala Kunsill u n-nuqqas ta' allokazzjoni li għandna fejn ma tippermettilniex li nagħmlu aktar xogħol.

Hu kkalkulat bil-provi li l-allokazzjoni ta' kull sena tal-Kunsill tax-Xgħajra hija b'madwar €40,000 inqas milli għandna bżonn u dan qiegħed iżommna milli nagħmlu xogħol infrastrutturali ġdid bħat -tkomplija tal-proġett tal-isports complex.

Għalhekk wara li l-Onor Buontempo fehem il-pożizzjoni tagħna u approva li jgħina billi s-Segretarjat jiffinanzja x-xiri taż-żebgħa sabiex inkunu nistgħu niżbgħu il-ħadid tal-promenade b'żebgħa aktar adatta għall-elementi naturali.

7.2 Is-Sur Joe Azzopardi staqsa fuq il-possibilta' li nieħdu loan minn Bank u nkunu nistgħu nkomplu l-proġett tal-isports complex. Is-Sindku qal li bħala loan tkun trid tgħaddi għall-approvazzjoni mid-dipartiment u l-aħħar darba li ppruvajna l-banek kienu qalulna li ma nistgħux minħabba problema ta' cash flow biex il-loan titħallas lura.

7.3 Is-Sur Neil Attard staqsa fuq il-bus shelter ta' fejn il-Milord u ta' Triq l-Ispnott. Is-Sindku qal li dawn diġa' għandna applikazzjoni pendenti ma' Transport Malta u li hemm bżonn waħda oħra lejn Smart City.

Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ qalet li fuq dawn il-Bus shelters ilna nippruvaw biex nagħmluhom u anke ntbgħatet email mis-Segretarju lil Ministru iżda s'issa għadna bla risposta.

7.4 Is-Sur Neil Attard staqsa jekk tistax issir sleeping police f'Dawret ix-Xatt lejn in-naħa tal-Milord. Is-Sindku qal li għal din irridu napplikaw ma' Trasport Malta ukoll.

7.5 Is-Sur Attard tkellem ukoll fuq il-possibilta' li nneħħu l-blokki jew parti minnhom li hemm fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Sindku qal li għalissa ma jistgħux jitneħħew kollha minħabba li hemm il-periklu warajhom speċjalment faċċata tal-Ground tal-football fejn hemm il-bankijiet. Għalhekk li nistgħu huwa nġibu stima ta' fence temporanju għal din il-parti biex inkunu nistgħu nneħħu ftit minn dawn il-blokki li bir-raġun qiegħdin ikerrhu. Pero' is-siġurta tiġi l-ewwel u qabel kollox.

7.6 Is-Sur Neil Attard semmha il-problema ta' plots vojta li qiegħdin iservu ta' miżbla u staqsa fuq il-possibilta' li nagħmlu ċ-ċnut tagħhom. Is-Sindku qal li dan huwa minnu pero' li nagħmlu ċ-ċnut bil-fondi tal-Kunsill hija xi ħaġa mpossibbli għaliex ser nispiċċaw għar milli qiegħdin u dawn huma tal-privat. Plot minnhom li jista' jiġi rrangat aħjar huwa ta' Triq Karmelo Ritchie li hija art tal-Gvern li fiha hemm problema kbira ta' terrapinn u għalhekk naraw x'inhija l-possibilta' li nġibu gaffa żgħira sabiex inneħħu dan it-terrapin u naraw kemm tiswina.

7.7 Is-Sinjura Doris Borg issuġġeriet li nirranġaw il-qiegħ tal-Banju ta' ħdejn il-Milord u jkun tajjeb li nkellmu propju lil Milord biex naraw jistax jgħina fuqha.

Is-Sinjura Borg staqsiet ukoll fuq il-possibilta' li nagħmlu *swimmers zone* max-xatt bil-blalen bħal postijeit oħra. Is-Sindku qal li din diġa' tlabniha s-sena l-oħra u kienu rrifjutaw it-talba minħabba li hemm fejn iniżżlu d-dgħajes, allura ma tistax tiġi magħluqa.

7.8 Is-Sinjura Borg kompliet u qalet li Sqaq Ras il-Ġebel hemm bżonn rampa għal aktar aċċessibilta' u nagħmlu protezzjoni fejn hemm iċ-ċint għal Dawret ix-Xatt għaliex qiegħed ta' periklu. Is-Sindku qal li parti minn dan li s-sqaq huwa tal-privat.

7.9 Is-Sindku qal li fejn l-scull ta' Triq l-Ispnott inqata xi blat u li ġejjin tal-Public Works sabiex itellgħuh u nevitaw il-periklu. Apparti hekk ser isir xogħol ukoll fuq il-parati tal-baħar ta' fejn il-Milord u fejn tal-Patrijiet għaliex l-injam iġġarraf u spiċċut.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX XGĦAJRA

7.10 Is-Sur Neil Attard qal li hu jixtieq post fejn ikun jista' jiltaqa man-nies b' mod privat u għalhekk jixtieq iċ-ċavetta tal-hall ta' fejn il-librerija. Is-Sindku qal li din il-kamra qed tintuża għall-lezzjonijiet tal-kompjuter, għalhekk irridu naraw aktar tard dwar dan. Is-Sindku fakkar illi meta jkun lest l-ufficċju tiegħu mhux se jkollu l-ebda problema li l-Viċi Sindku jkun jista' jużah.

7.11 Is-Sinjura Doris Borg qalet li wara l-laqgħa preċedent hija ġabet magħha l-warrant ta' teacher u qamet u wrietu.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Aġġudikazzjoni tat-Tender tal-Ġbir ta' Skart

8.1 Is-Sindku qal li l-aġġudikazzjoni ser issir il-ġimgħa d-dieħla f'laqgħa supplementari sabiex tkun iffukata propju fuq din it-tender.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Aġġornament għal-Ħamis, 3 ta' Lulju, 2014

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt